MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2009

Appell Civili Numru. 23/2006/1

**Rosanna Carbonaro**

**vs**

**Roberta Xuereb u Saviour Azzopardi ghal kull interess li jista' jkollu**

**Il-Qorti,**

Fl-24 ta' April, 2008, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "It-Tribunal
>
> Ra l-Avviz li permezz tieghu l-attrici talbet hlas mill-konvenut ta' elf tmien mija tlieta u sittin ewro €1863.50 gja LM800 (tmien mitt lira Maltin) oltre il-VAT dovuta fuq l-imsemmija somma, bilanc minn somma akbar, rapprezentanti prezz ghas-servizzi ta' '*architectural design'* fil-proprjeta' tal-konvenuti

stess, liema servizzi gew moghtija mill-attrici lill-konvenuti fuq inkarigu taghhom stess.

Bl-Ispejjez, inkluz tal-prezenti u bl-imghaxijiet legali sad-datat tal-pagament.

Ra r-risposta tal-konvenuti fejn qed jecceppixxi illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attrici.

Illi l-attrici fil-fatt thallset ghax-xoghol u ghas-servizz kollu li lahqet ghamlet qabel ma hija stess qabdet u abbbandunat l-inkarigu li kienet inghatat anzi kienet lahqet thallset aktar minn dak dovut ghas-servizzi li lahqet irrendiet lill-konvenuti.

Sema x-xhieda ta' Rosanna Carbonaro, Mario Cardona, Roberta Xuereb illum mizzewga Azzopardi, Joseph Dalli u Mario Xuereb.

Ra l-Atti prezentati fl-atti tal-kawza.

Sema t-trattazzjoni tal-partijiet.

IKUNSIDRA

Illi din il-kawza titratta dwar talba ghal hlas ta' servizzi ta' '*architectural design'* fil-proprjeta' tal-konvenuti liema hlas ma giex imhallas skond allegat ftehim milhuq bejn il-partijiet.

Mill-provi jirrizulta illi kien sar xi tip ta' ftehim bejn il-partijiet ghal xoghlijiet ta' disinn u sorveljar ta' xoghlijiet fil-fond gebel u saqaf appartenenti lill-konvenuti . Dawn ix-xoghlijiet kellhom isiru mill-attrici.

Skond l-attrici xoghlha kien jinkludi twaqqih u tibdil ta' hitan, tlesti l-pjanti, tassisti fl-ghazla tal-'fittings' tal-elettriku u sorveljar tax-xoghlijiet. Ghal dan ix-xoghol hija ppretendiet is-somma

komplessiva ta’ LM1800 ta’ dak iz-zmien. Kien hemm ftehim li LM450 ta’ dak iz-zmien jithallsu qabel ma jibdew ix-xoghlijiet, waqt ix-xoghlijiet kellha tithallas is-somma ta’ LM900 u l-kumplament ta’ LM450 fl-ahhar meta x-xoghlijiet ikunu kompluti. Mix-xhieda tal-attrici hija tikkonferma illi kienet ghamlet xoghlha kollu hlief li tassisti lill-konvenuta ghax-xiri tal-purtieri u ghalhekk it-talba hija ghal LM800 ta’ dak iz-zmien. Ghax-xiri tal-purieri hija naqset LM100. L-Attrici sostniet illi l-konvenuta kienet kuntenta bix-xoghol tal-attrici u sahansitra kienet tikkumplimentaha kif ukoll irrakomandata lil terzi.

Skond ix-xhieda tal-konvenuta Roberta Xuereb, illum mizzewga Azzopardi, hija qalet illi l-inkarigu li kellha l-attrici kien li d-dar tehodha lesta u kompluta bl-ghamara, dawl, ilma kollox provdut inkluz ‘*is-soft furnishing*s.’ Spjegat illi l-inkarigu tal-attrici konsistenti f’xoghol ta’ disinn u li tissorvelja x-xoghlijiet fil-‘*maisonette’*. Spjegat kif l-attrici kienet qabdet in-nies taghha ghax-xoghlijiet tal-‘*gypsum*’ u l-persuni inkarigati ghad-dawl, ilma u l-mastrudaxxa gew imqabbda minnha izda x-xoghol taghhom kellu jigi sorveljat u ko-ordinat mill-attrici. Spjegat kif fil-bidu hija kienet kuntenta bis-servizz tal-attrici izda l-inkwiet beda meta xi madumiet tal-kamra tal-banju kienu neqsin bil-konsegwenza lli xi madumiet ohra li kienu ha jkunu pprovduti ma kienux jaqblu. Il-Konvenuta sostniet illi l-attrici ma kienetx ghamlet xoghlha kif suppost meta inizjalment kejlet u ordnat il-madum ghall-kamra tal-banju, bil-konsegwenza illi kien hemm n-nieqes u meta gew biex jordnaw iktar l-madum ma kienx jaqbel. Ghalkemm din il-kwistjoni giet rizolta billi l-hanut tal-madum offra madum gdid ghal kamra tal-banju shiha, il-konvenuti kellhom jhallsu ghat-tqeghid tal-madum mill-gdid. Wara l-problema tal-kamra tal-banju jidher li l-attrici naqset milli tipprovdi servizz konsistenti u li sahansitra kienet tevita l-kommunikazzjoni mall-konvenuta. Il-konvenuta

spjegat illi x-xogohl tal-elettriku kien maghmul hazin u kellu jinqala' l-'*gypsum*' a spejjez tal-konvenuti. Ix-xoghlijiet ta' dawl kien sar wara il-kwistjoni tal-kamra tal-banju. Il-konvenuta spjegat kif wara l-episodju tal-kamra tal-banju l-konvenuta ma kkomunikatx aktar mall-konvenuti. Spjegat ukoll kif xoghlijiet tal-mastrudaxxa konsistenti f'bibien u l-kcina ma gewx sorveljati mill-attrici bil-konsegwenza lli x-xoghlijiet kellhom xi problemi li gew rizolti mill-konvenuta minghajr l-ghajnuna tal-attrici kif kien miftiehem.

Xehdu ukoll il-mastrudaxxa u l-'*electrician* u l-'*plumber'* li t-tnejn qalu illi l-attrici kienet ftit li xejn prezenti waqt ix-xoghlijiet maghmula minnhom u lil' *'in put'* taghha fix-xoghlijiet kien minimu.

It-Tribunal jirrileva illi l-partijiet kienu ftiehmu fuq xoghlijiet izda ftehim bil-miktub ma kienx hemm. Illi t-Tribunal jippretendi illi parti mis-servizz li jaghti *'architectural designer'* huwa programm ta' xoghlijiet li kellu jsir kif ukoll l-hin li kellu jiehu x-xoghol rikjest minnha. Il-ftehim li sar bejn il-partijiet huwa wiehed dghajjef u li jaghti lok ghal hafna dubji u incertezzi partikolarment meta t-Tribunal ghandu jqies ukoll il-kredibilita' tal-partijiet. L-Attrici qieghda titlob prezz, izda l-konvenuta ma riedetx thallas l-ammont kif mitlub peress illi hija ma kienetx sodisfatta bis-servizz moghti lilha u spjegat kif l-ammont gja mhallas minnha ikopri oltre ix-xoghlijiet li kienet wettqet l-attrici.

It-Tribunal huwa fi dmir illi jindaga x'kien ix-xoghol li gie rikjest mill-attrici, jekk fil-fatt dan ix-xoghol sarx kif miftiehem u x'tip ta' sorveljanza u ko-ordinament offriet l-attrici.

Mix-xhieda tal-attrici fil-fehma taghha hija kienet ipprovdiet is-servizzi kollha ghajr l-ghazla tal-purtieri. Mix-xhieda tal-konvenuta jirrizulta illi l-attrici kienet abbandunat xogholha bil-konsegwenza illi l-izbalji li rrizultaw waqt ix-

xoghlijiet kellha ssolvihom l-konvenuta. Illi sahansitra meta l-konvenuti kienu jippruvaw jaghmlu kuntatt mal-attrici din ma kienetx tirrispondihom. Illi z-zewg xhieda prodotti mill-konvenuti xehdu illi l-attrici ma kienetx offriet lilhom is-servizz mistenni mill-konvenuta u li kienet halliet pjuttost f'idejhom. Jirrizulta li ma tantx kien hemm ko-ordinament bejn l-attrici u l-varji haddiema. Illi skond ix-xhieda taghhom huma ftit li xejn iltaqghu mall-attrici u kienu jitkellmu u jiehdu struzzjonijiet mill-konvenuta jew minn  missier il-konvenuta. Huwa minnu illi meta gie biex jitwahhal il-bank tal-kcina l-'*points'* tad-dawl u dawn ma kienux jaqblu, ma jfissirx illi l-htija kienet necessarjament tal-attrici. Bhala htija it-tribunal jifhem illi setghet tkun ukoll tal-mastrudaxxa, izda l-attrici ma kienetx prezenti sabiex taghti l-istruzzjonijiet, tissorvelja u tikko-ordina x-xoghlijiet kif suppost  u ma kienetx tkun prezenti sabiex issolvi l-problemi li '*man mano'* bdew jinqalghu u li kien fi dmir taghha ssolvi fuq l-istess inkarigu li kellha.

Illi mill-provi migjuba quddiem dan it-Tribunal jidher illi l-konvenuta gabet bizzejjed provi li juru illi l-attrici ma baqghetx ssegwi x-xoghlijiet kif kien miftiehem bejniethom u lli hija qatt ma kienet tghat *'hand over'* tax-xoghlijiet kompluti lill-klijenti taghha kif kien mistenni mill-attrici. Illi huwa minnu illi l-attrici kienet ghamlet id-disinji izda dawn ma gewx ko-ordinati mas-snajja l-ohra tul  ix-xoghlijiet.

Illi fix-xhieda moghtija bejn il-partijiet jidher illli jezistu verzjonijiet kontrastanti. Illi wara li nstemghu l-provi kollha u t-Tribunal ra l-provi kollha migjuba quddiemu jidher illi huwa minnu illi kien hemm ftehim ghal xoghlijiet  mill-attrici u l-prezz miftiehem kien ta' LM900 ta' dak iz-zmien. Izda t-Tribunal huwa konvint illi  wara li nqalghu xi problemi dwar il-madum tal-kamra tal-banju, l-attrici ma baqghetx tahdem bl-istess ritmu, entuzjazmu u dedikazzjoni li  seta' kellha fil-bidu

tal-progett. Illi huwa minnu llli l-fond kellu xi problemi li kellhom jirrisolvu ruhhom. Huwa minnu ukoll illi l-istess problemi kelhom isolvuhom il-konvenuti wehedhom u l-attrici ma komplitx toffri s-servizzi taghha sabiex issolvi l-problemi li kienu qieghdin jiltaqghu maghhom il-klijenti taghha. Illi t-Tribunal sema' x-xhieda tal-mastrudaxxa u tal-'*electrician*' fejn it-tnejn qalu lli l-attrici ftit li xejn rawha u tkellmu maghhha u meta nqalghu xi problemi dawn kienu ffaccawhom mall-konvenuti. L-Attrici kellha l-inkarigu specifiku u d-dover illi taghti struzzjonijiet u tissorvelja dawn ix-xoghlijiet.

It-Tribunal huwa tal-fehma illi kien ikun fl-interess taz-zewg partijiet illi jkollhom ftehim tax-xoghlijiet u l-metodu ta' hlas bil-miktub. Fin-nuqqas ta'ftehim bil-miktub, it-Tribunal ha jkollu joqghod fuq il-provi migjuba quddiemu u jevalwa l-provi dwar il-fatti kif zvolgew.

It-Tribunal huwa konvint illi fil-bidu l-konvenuti kienu kuntenti bis-servizz tal-attrici, izda wara li nqalghet il-kwistjoni tal-madum tal-kamra tal-banju, ir-relazzjoni ta' bejniethom ma baqghetx l-istess. It-Tribunal huwa konvint illi l-attrici ma baqghetx tizvolgi xoghlha bl-istess ritmu u entuzjazmu. Dawn in-nuqqasijiet jirriflettu nuqqas kbir ta' professjonalita' da parti mill-attrici li fil-fehma tat-Tribunal m'ghandix tkun ikkumpensata oltre dak li gja kienet adegwatament ikkumpensata mill-konvenuti.

Ghalhekk it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talba attrici.

Spejjez a karigu tal-attrici.**"**

Fil-konfront ta' din is-sentenza c-censura ta' l-attrici bl-appell introdott minnha hi mqeghda fuq binarju duplici, u cjoe, li t-Tribunal ghamel nuqqas ta' apprezzament tal-provi prodotti u li l-motivazzjoni tas-sentenza, fejn din

tirrigwarda l-kondotta professjonali taghha kienet nieqsa minn kwalsiasi konsiderazzjoni legali;

B'mod generali l-atti juru li l-attrici appellanti giet inkarigata mill-konvenuti appellati bhala *designer* tal-*finishings* li huma xtaqu fil-fond taghhom f'San Giljan. L-obbligazzjoni assunta minnha ma tidherx li kienet wahda limitata bhala progettista tax-xoghlijiet intizi izda, wkoll, dik tas-sorveljanza u tal-kontroll taghhom biex ikun assikurat illi dawn ikunu qed jigu ezegwiti in konformita mad-disinji ppreparati minnha, u accettati mill-konvenuti. Speci ta' direttur tax-xoghlijiet ghal skop ta' verifika ta' l-ezekuzzjoni taghhom u, l-aktar, ta' dik l-esigenza li jkun stabbilit u determinat illi dawk ix-xoghlijiet ikunu teknikament skond ir-regoli ta' l-arti u s-sengha;

Taht dan il-profil jinsab espress mill-**Qorti tal-Kassazzjoni Taljana** illi "*l'obbligazione del direttore dei lavori è un'obbligazione di mezzi, tuttavia ciò non significa che il suo incarico debba riternersi limitato al riscontro della conformita` dell'opera al progetto, giacchè il direttore dei lavori, come l'appaltatore (e a maggior titolo, attesa la sua preparazione tecnica), è tenuto all'individuazione e alla correzione di eventuali carenze progettuali che impediscono quella 'buona riuscita' del lavoro per la quale egli è tenuto ad adoperarsi.*" (**30 ta' Mejju 2000, Numru 7180**). Dejjem mill-istess Qorti gie forsi kkummentat b'aktar precizazzjoni illi "*costituisce obbligazione del direttore dei lavori l'accertamento della conformità sia della progressiva realizzazione dell'opera al progetto, sia delle modalità dell'esecuzione di essi alle regole della tecnica, e pertanto egli non si sottrae a responsabilità ove ometta di vigilare e di impartire le opportune disposizioni al riguardo, nonchè di controllarne l'ottemperanza da parte dell'appaltatore e, in difetto, di riferirne al committente*." (**Cass. 29 ta' Awissu, 2000, Numru 11359**);

Premess dan l-aspett tad-dritt, l-elementi tal-provi l-aktar sinjifikattivi li johorgu mir-rizultanzi processwali huma kif gej:-

(1) Skond il-versjoni ta' l-attrici (fol. 32) hi ppreparat il-pjanti ghal htigijiet varji, li kkomunikat sew mal-konvenuta kif ukoll mat-terzi kuntratturi kummissjonati mix-xoghlijiet, u li sew hi, kif ukoll il-konvenuti, kienu sodisfatti bl-ezekuzzjoni materjali taghhom. Hi ma taqbelx ma' l-allegazzjoni li abbandunat ix-xoghol u meta nqalghu xi problemi, bhal fil-kaz tal-madum nieqes fil-kamra tal-banju *en-suite*, instabet soluzzjoni adegwata dwarhom;

(2) Huwa accettat mill-konvenuta Roberta Xuereb (fol. 44) illi, ad eccezzjoni ta' l-appaltatur li tqabbad jaghmel ix-xoghol fuq il-*gypsum*, il-kuntratturi dwar xoghlijiet ohra tqabbdu minnha. Hi tghid li l-inkwiet beda fuq il-kestjoni tal-madum nieqes izda dwar dan intlahaq qbil mal-fornitur illi dan, spejjez tieghu jirrimpjazza l-madum b'kulur iehor maghzul minnha. Filwaqt li tikkonferma li d-disinji ppreparati mill-attrici kienu modellati skond l-idejat espressi minnha stess, kien hemm mankanzi fis-sens li l-kuntratturi li hadmu gergru maghha li ma nghatawx la disinji u lanqas struzzjonijiet sufficjenti. F'dan hi korroborata mix-xhieda Mario Cardona (fol. 56) u Joseph Dalli (fol. 60) inkarigati rispettivament bhala mastrudaxxa u *plumber/electrician*. Issemma, ad ezempju, illi meta giet installata l-ghamara tal-kcina l-*points* ghad-dawl, immarkati fuq il-hajt mill-istess attrici, ma kienux imqeghda kif suppost;

Mill-fatti premessi jinzlu b'deduzzjonijiet illi jekk id-disinji ppreparati kienu ta' kwalita` teknikament accettabbli mhux l-istess jista' jinghad ghal dak li kien l-obbligu ta' l-attrici f'dak li kellu x'jaqsam ma' sorveljanza u kontroll tax-xoghlijiet ghall-ezekuzzjoni tajba tal-progett mahsub. L-ordinarja diligenza preskritta mill-Artikolu 1132 (1) tal-Kodici Civili kellha turiha t-triq u tissuggerilha kondotta aktar impenjattiva u agir tempestiv biex ikunu evitati u wkoll eliminati fejn hekk jirrizultaw, id-difetti u d-difformazzjonijiet fix-xoghlijiet ezegwiti;

Maghdud dan, mill-banda l-ohra din il-Qorti lanqas ma taqbel mal-konkluzjoni li wasal ghaliha t-Tribunal fis-sens illi l-istanza ta' l-attrici in bazi ghar-rizultanzi istruttorji, kellha titqies interament infondata. Fil-fehma tal-Qorti, ir-regola ta' gudizzju adoperata mit-Tribunal mhux biss ma kienetx prudenti izda pjuttost affrettata wkoll. Fil-kumpless, l-akkuza ta' "nuqqas kbir ta' professjonalita`" ma kienetx akkonsentita jew, ghal kollox, gustifikata. Huwa veru li l-attrici ma impenjatx ruhha rigorozament u kif kien mistenni. Is-sens ta' gustizzja, pero`, u l-aktar il-principju tad-dritt ekwitativ, sostrat fundamentali tad-decizjonijiet tat-Tribunal specjali adit [Artikolu 7 (1), Kapitolu 380], ma kellux, fuq il-bazi tal-fatti konoxxuti, u rettament interpretati fil-kwadru globali tal-provi, jittraduci s-setgha diskrezzjonali ta' dawk l-istess fatti ghal dak assolut u dommatiku li jkun michud lill-attrici l-beneficcju li, almenu, tirrikava parti mis-somma bilancjali reklamata minnha;

Mhux bizzejjed, fil-hsieb tal-Qorti, illi t-Tribunal jissenjala l-aspetti negattivi tal-komportament ta' l-attrici appellanti, u dan permezz ta' espressjonijiet generici. Kien fid-dmir tieghu, b'riferiment ghal kaz konkret, li jwiezen ghall-ahjar konvinciment il-provi kollha, ta' naha u ta' ohra, fil-qafas ta' indagini unitarja u bilancjali b'mod li joffri soluzzjoni aktar adegwata u gusta tal-kontroversja. Fuq kollox, izjed ekwitativa;

Bil-konoxxenza shiha tal-provi l-Qorti ssib illi l-lanjanza ta' l-appellanti hi sostenibbli. Dan pero` mhux ghall-ammont kollu pretiz. L-istess elementi probatorji jissuggerulha illi dan ghandu jkun dimezzat bin-nofs biex filwaqt li tkun penalizzata ghan-nuqqas ta' sforz aktar diligenti da parti taghha, fl-istess hin tigi premjata ghal dak ragonevolment misthoqq.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' in parte l-aggravji ta' l-attrici appellanti fis-sens illi l-konvenuti jigu kkundannati jhallsuha s-somma ta' erba' mitt lira (Lm400) ossija disgha mija wiehed u tletin euro hamsa u sebghin centezmu (€931.75), bl-imghaxijiet mid-data tan-notifika ta' l-Avviz (27 ta' Jannar, 2006). Fic-cirkustanzi l-ispejjez gudizzjarji kollha taz-zewg istanzi jinqasmu ugwalment bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------